# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 21 ta' Novembru 2001**

**Numru**

Citaz. numru **1356/92 DS**

Hugh P. Zammit ghan-nom u in rappresentanza ta' Galdes & Mamo Ltd u din in rappresentanza tal-kumpanija assikurattrici estera Royal International Insurance Holdings Ltd kif surrogati fid-drittijiet tal-assikurat taghha Charles Mifsud ghan-nom ta' Sterling Car Hire Ltd sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Charles Mifsud ghan-nom ta' Sterling Car Hire Ltd u b'nota tad-29 ta' Ottubru 1999 assumiet l-atti tal-kawza s-socjeta' Gasan Mamo Insurance Agency Limited.
Vs
Carmelo Farrugia

Illum, 21 ta' Novembru 2001

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni ppresentata fis-26 ta' Novembru 1992 li permezz taghha l-attur nomine wara li ppremetta:

Illi l-konvenut fit-30 ta' Ottubru 1991 gewwa Wied il-Ghajn bi traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza ta' regolamenti tat-traffiku waqt li kien qed isuq il-karrozza numru V-6967 habat fil-karrozza numru N-7407 misjuqa minn William Micallef u propjeta ta' Charles Mifsud ghan-nom ta' Sterling Car Hire Ltd u assikurata taht polza 'comprehensive' ma' l-attur nomine.

Illi in vista tal-imsemmija polza l-attur ghamel tajjeb ghad-danni kagunati mill-konvenut fil-karrozza assikurata mieghu ghal liema hsarat hallas is-somma ta' erba' mija u disa' u ghoxrin lira u tnejn u tletin centezmu (Lm429.32).

Illi l-konvenut ghalkemm interpellat naqas milli jhallas id-danni minnu kagunati.

Talab lil din il-Qorti:

1. Tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident fuq imsemmi u ghad-danni konsegwenzjali sofferti mill-attur;

2. tillikwida dawn id-danni sofferti mill-atturi nomine fis-somma ta' Lm429.32 jew somma ohra verjuri okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;

3. tikkundanna l-konvenut ihallas lill-atturi in linea ta' danni, l-ammont hekk likwidat.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 10 ta' Gunju 1992 u bl-imghax mid-data ta' l-istess ittra ufficjali kontra l-konvenut li hu ngunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn qal:

1. Illi, fil-konfront ta' Charles Mifsud ghan-nom ta' Sterling Car Hire Ltd, l-eccipjent ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante, kif jidher mill-premessi tac-citazzjoni stess, ma sofra l-ebda danni;

2. Illi ghar-rigward ta' l-ewwel talba attrici dina ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante ghall-incident 'de quo' kien unikament responsabbli s-sewwieq tal-assikurat tas-socjeta' attrici stante imperizja, traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.

3. Illi relattivament ghat-tieni talba attrici, dina ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante li ma hemmx danni x'jigu likwidati fil-konfront tal-eccipjent.

4. Illi relattivament ghat-tielet talba attrici, dina wkoll ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante li ma hemmx danni li l-eccipjent ghandu jigi kundannat li jhallas.

5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-lista tax-xhieda taghhom.

Rat id-digriet tal-1 ta' Frar 1993 fejn gie nominat l-Avukat Dr. Christian Farrugia bhala perit legali;

Rat id-digriet tal-1 ta' Dicembru 1998 fejn ghall-imsemmi perit legali giet sostitwita l-Avukat Dr. Veronica Aquilina;

Rat ir-relazzjoni minnha mahlufa fl-20 ta' Marzu 2001;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat illi:-

L-incident in kwistjoni gara fi Triq Gebel Hanxul kantuniera ma' Triq l-Iskall, Marsascala. Julian Micallef, is-sewwieq tal-karrozza assikurata mas-socjeta' attrici, xehed li l-incident gara waqt li kien qed idur il-kantuniera filwaqt li kien ghaddej b'xi ghaxar (10) mili fis-siegha. Lill-konvenut rah xi tul ta' sittin pied 'il boghod minnhu hekk kif qabad biex idur il-kantuniera. Micallef qal li kien xi metru boghod mill-bankina tax-xellug tieghu. Huwa kkalkola li l-konvenut kien ghaddej b'xi 30 jew 35 mil fis-siegha u kien hemm karrozza wahda pparkjata fuq in-naha tax-xellug tal-konvenut li kienet 'il boghod mill-kantuniera.

Ix-xhud zied ighid li billi t-triq hi spazjuza, huwa kompla hiereg ghal go Triq Gebel Hanxul. L-impressjoni tieghu kienet li seta' jidhol fi Triq Gebel Hanxul facilment. Meta ra lill-konvenut, dan kien fuq in-naha t-tajba tat-triq izda mbaghad beda jaqleb ghan-naha tieghu u baqa' gej ghal fuqu.

Julian Micallef kompla jghid li huwa kien "dead slow" meta hares u ra lill-konvenut fit-triq, imbaqghad hares ghall-lemin biex jara kienx hemm karrozzi nizlin mill-lemin u kif rega' dawwar wiccu ra lill-konvenut xi tul ta' karrozza quddiemu. Dak il-hin ghafas il-brake. Qal ukoll li f'dak il-mument il-konvenut kien qed ihares lejn il-"passenger seat" qisu qed igib u jpoggi xi haga fuq l-istess. Il-konvenut induna b'Micallef mal-habta.

Il-konvenut min-naha tieghu xehed li kien qed isuq Toyota Pick-Up go Triq Gebel Hanxul u mieghu kellu persuna ta' nazzjonalita' Gharbija. Hekk kif kien qed jaqsam Triq l-Iskoll, giet karrozza fuqu min-naha tal-lemin. Hu u tiela' ma kien sema' l-ebda *horn*. Kif hass id-daqqa, gibed lejn ix-xellug biex jevita l-vettura l-ohra. Meta ha d-daqqa, ma kienx ghadu sporga 'l barra minn Triq Gebel Hanxul. Fuq ix-xellug fit-triq tieghu kien hemm vetturi pparkjati. Huwa cahad li kien qed igib jew ipoggi xi haga fuq il-*passenger seat* izda l-mossa tieghu kienet mossa awtomatika konsistenti filli gibed l-istering lejn ix-xellug meta rah gej ghal fuqu.

Dwar il-lokalita' ta' l-incident il-perit legali spjegat fir-relazzjoni taghha li Triq l-Iskall hi triq sekondarja in vista tal-fatt li din taghlaq fiz-zewg truf qosra taghha. Dwar Triq Gebel Hanxul pero' tghid li din it-triq taghti mit-triq principali li biha wiehed jidhol fic-centru ta' M'scala, cioe' ghal Misrah Mifsud Bonnici, ghal zona residenzjali u ghalhekk hi ferm aktar frekwentata minn Triq l-Iskall. Ghalhekk Triq Gebel Hanxul ghandha titqies bhala triq principali fil-konfront ta' Triq l-Iskall.

Il-perit legali konsegwentement ghamlet dawn l-osservazzjonijiet:

"Galadarba l-esponenti qed tikkonsidra Triq l-Iskall bhala triq sekondarja u Triq Gebel Hanxul bhala triq principali, tissottometti li Julian Micallef li ried idur minn Triq L-iskall ghal fuq ix-xellug tieghu ghal gewwa Triq Gebel Hanxul, kellu zewg doveri ta' mportanza ugwali: li jieqaf u jesplora t-triq principali u wkoll li jaghti d-dritta lil dak it-traffiku li kien irrizultalu utent ta' dik it-triq.

Pero' xejn minn dan ma gara.  Nonostante l-obbligu tieghu bhala *side- road user* li jieqaf qabel ma jittenta jirfes it-triq principali.  Julian Micallef ma ta l-ebda indikazzjoni fix-xhieda tieghu fl-istess seduta li hu waqaf qabel dar minn Triq l-Iskall.  Anzi qal li dak il-hin hu kien qed isuq bl-ghaxar (10) mili fis-sigha.

Ghal dak li jirrigwarda t-tieni obbligu tieghu, cioe' li ma jfixkilx it-traffiku li kien ghaddej minn Triq Gebel Hanxul b'periklu ghal dak l-istess traffiku, u wara kollox ghalih ukoll, l-esponenti tirrileva li fl-iskizz ipprezentat bhala HZ4, jirrizulta li l-vettura ta' Julian Micallef kienet sporguta ferm 'il barra ghal gewwa Triq Gebel Hanxul wara li sehh l-incident – zgur din mhux posizzjoni ta' vettura li s-sewwieq taghha qed jesplora t-triq.

U hawn l-esponenti tixtieq tirrileva li effettivament l-istess Julian Micallef kellu vizwali tajba minghajr in-necessita' li jisporgi 'l barra fit-triq principali.  Dan ghaliex accediet personalment fuq il-post ta' l-incident.  Irid jinghad ukoll li fix-xhieda moghtija minnu fis-seduta tas-7 ta' Ottubru 1993, hu stess ammetta li kien lemah lill-konvenut meta spjega li hekk kif hu kien qabad sabiex idur il-kantuniera minn Triq l-Iskall ghal Triq Gebel Hanxul, ra lill-konvenut boghod madwar sittin (60) pied fuq ix-xellug tieghu tiela' t-telgha ta' Triq Gebel Hanxul.  Allura ghaliex baqa' jdur il-kantuniera Julian Micallef?  Nonostante l-obbligi tieghu bhala *side- road user* u l-vizwali tajba li kellu tal-konvenut boghod minnu biss sittin (60) pied gewwa Triq Gebel Hanxul, Julian Micallef ma ta l-ebda indikazzjoni fix-xhieda tieghu fl-istess seduta li hu waqaf qabel ma dar minn Triq l-Iskall.  Anzi qal li dak il-hin hu kien qed isuq bl-ghaxar (10) mili fis-sigha.

Pero' qabel l-esponenti tasal ghall-konkluzjoni dwar x'kienet il-kawza prossima u mmedjata ta' l-incident in kwistjoni u ghalhekk min kien propju responsabbli, jonqos li jigi evalwat fatt iehor allegat minn Julian Micallef – is-sewqan tal-konvenut barra mill-karregjata tieghu.

Fl-istess seduta fuq imsemmija, Julian Micallef kompla ighid li l-konvenut hekk kif qorob lejh boghod ta' karrozza, beda aktar javvicina n-naha tieghu tat-triq.  Zied ighid li kien hemm karrozza pparkeggjata fi Triq Gebel Hanxul fuq in-naha tax-xellug tal-konvenut, b'dana li din kienet boghod mill-kantuniera.  Spjega li l-konvenut deher li kien qed ihares lejn is-*seat* ta' quddiem tal-passiggier, donnu kien qed igib jew ipoggi xi haga hemm.

Ghal dan il-konvenut fis-seduta ta' l-24 ta' Jannar 2000 xehed li mieghu kellu riekeb persuna ohra u l-mossa spjegata minn Julian Micallef kienet tikkonsisti f'li hu kien gibed lis-*steering* lejn ix-xellug sabiex jevita l-incident. Xehed ukoll li kien hemm karrozzi pparkeggjati fuq in-naha tax-xellug tieghu gewwa Triq Gebel Hanxul, u ghalhekk il-vettura tieghu fl-iskizz kienet tidher f'nofs it-triq.

Minn ezami ta' l-iskizz l-esponenti tosserva li l-vettura tal-konvenut tassew tirrizulta f'nofs it-triq. Pero' wiehed irid jiehu kont tal-fatt li skond ix-xhieda tieghu u mhux kontradett minn Julian Micallef, kien hemm il-vetturi pparkeggjati fuq in-naha tax-xellug tat-triq. Dan zgur li kien iwassal il-vetturi fil-karreggjata l-aktar qrib taghhom u allura wkoll dik tal-konvenut, sabiex johorgu aktar lejn in-nofs tat-triq. U jekk Julian Micallef kien tassew esplora sew Triq Gebel Hanxul qabel ma dar il-kantuniera minn Triq l-Iskall, hu kellu jiehu kont ta' dan il-fatt.

Izda l-esponenti tissottometti illi tenut kont dawn ic-cirkostanzi, il-kawza prossima u mmedjata ta' l-incident hu n-nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku u t-traskuragni da parti ta' Julian Micallef li kien qed isuq il-vettura N-7407 fi Triq l-Iskall. Jirrizulta mill-provi migbura li bhala *side- road user* hu naqas kemm li jzomm *a proper look-out,* kif ukoll li ma jfixkilx it-traffiku ghaddej mit-triq principali. Ghalhekk l-esponenti hi tal-fehma li r-responsabbilita' ta' l-incident in kwistjoni ghandha tigi attribwita lilu.

Dan ukoll wara li hadet in konsiderazzjoni l-principji fir-rigward ta' l-obbligi u d-rittijiet tas-sewwieqa kif dawn evolvew fil-gurisprudenza tal-Qrati taghna, u kif ukoll spjegati ghal darb'ohra fis-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell tal-5 ta' Ottubru 1998, fl-ismijiet ***Hugh P. Zammit noe vs William Drago.***"

Il-Qorti taqbel perfettament ma' l-evalwazzjoni li ghamlet il-perit legali tal-fatti tal-kaz. Difatti Julian Micallef naqas ghax ma waqafx jesplora Triq Gebel Hanxul u naqas ghax meta beda jdur ghal go din it-triq, ghalkemm kif ighid hu ra lill-konvenut gej xorta baqa' jdur. Inoltre ma tifhimx ghaliex, dejjem kif xehed l-istess Micallef hares lejn il-lemin tieghu propju wara li beda jdur u wara li kien diga' ra lill-konvenut gej. Ma harisx lejn il-lemin qabel ma beda jdur.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tichad it-talbiet attrici.

Bl-ispejjez kontra l-atturi nomine.

Onor. Imhallef
Dottor David Scicluna

D/Registratur